MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**GRETA MIFSUD**

Seduta tat-13 ta' Mejju, 2011

Talba Numru. 1336/2010

**Vodafone Malta Limited**
**C-10865**

**vs**

**Susanne Izzo**
**I.D. 57290(M)**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz tat-talba li permezz tieghu l-konvenuta ghandha tigi kkundannata thallas is-somma ta’ sebgha mija u tnejn u tmenin Ewro u disgha u hamsin centezmu (€782.59), rapprezentanti ammont dovut lis-socjeta’ attrici bhala hlas ta’ servizzi u prodotti pprovduti lill-istess konvenuta, abbazi ta’ ftehim bejn il-kondendenti, skond id-dokumenti annessi mal-Avviz ta’ talba mmarkati bhala Dok A.

Il-konvenuta giet interpellata diversi drabi sabiex thallas, izda baqghet inadempjenti ghal tali talba, ghalhekk l-ammont ghadu dovut sal-lum.

Bl-ispejjez u bl-imghax legali mid-data meta l-ammont pretiz kien dovut sad-data tal-pagament effettiv, kontra l-konvenuta illi giet ngunta ghas-subizzjoni.

Ra li mill-atti jirrizulta li ghalkemm il-konvenuta giet debitament notifikata bl-Avviz, ma kkontestatx il-kawza fit-terminu preskritt mil-Ligi u lanqas ma dehret ghas-seduti li nzammu quddiem it-Tribunal.

Ra l-Kapitolu li gie pprezentat mis-Socjeta’ attrici u l-fatt li l-konvenuta naqset li tidher sabiex tirrispondih, u ghalhekk ghandu jittiehed bhala mistqarr.

Ghaldaqstant, peress illi t-talba tas-socjeta’ attrici tirrizulta soddisfacentement ippruvata, t-Tribunal jilqa’ t-talba u jikkundanna lill-konvenuta thallas is-somma ta’ sebgha mija u tnejn u tmenin Ewro u disgha u hamsin centezmu (€782.59), bl-imghax kif mitluba. L-ispejjez huma a karigu tal-konvenuta.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------